MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 66/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Raymond Casa u Electrolite Limited jew min minnhom**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u wiehed u sebghin cenetzmu (Lm6,428.71) rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagonati mill-konvenuti jew minnhom lil propieta konsistenti f'cables tas-socjeta attrici f'Triq Preziosi San Pawl il-Bahar f'Jannar 1999 jew data ohra verjuri;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta attrici qieghda tippresenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta (Dok. C);

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu dan l-ammont anki permezz ta' ittra ufficjali, il-konvenuti jew minn minnhom baqghu indempjenti u ma hallsu xejn;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1 Tiddeecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2 Tikundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u wiehed u sebghin centzmu (Lm6,428.71) rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagonati mill-konvenuti lil propjeta tas-socjeta attrici f'Triq Preziosi San Pawl il-Bahar f'Jannar 1999 jew data ohra verjuri;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kontra il-konvenuti;

Rat id-dikjarrazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1 Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti Raymond Casa personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur u dana billi huwa dejjem esegwixxa x-xoghol tieghu taht l-isem tas-socjeta, Electrolite Company Limited, u ghalhekk u in vista ta' dan Raymond Casa personalment ghandhu jigi liberat mill-oservanza ta' kull gudizzju;

2 Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-ecceipjenti ma' ikkagonaw l-ebda hsara fil-cables tas-socjeta attrici f'Jannar 1999 jew data ohra verjuri gewwa San Pawl il-Bahar u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

3 Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz in linea ta' danni
mis-socjeta attrici huwa ghal kollox esegerat;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici u lill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed tallega li l-konvenuti, jew minn minnhom, ikkagunaw hsarat f'cables tas-socjeta attrici fi Triq Preziosi San Pawl il-Bahar u dana ghal habta ta' Jannar 1999. Is-socjeta attrici tippretendi li sabiex issewwew dawn il-hsarat intefqet is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u wiehed u sebghin centzmu (Lm6,428.71) u ghalhekk l-istess socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kundannati ihallsu din is-somma;

Il-konvenut Raymond Casa personalment jeccepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur u dana billi huwa dejjem esegwixxa x-xoghol tieghu taht l-isem tas-socjeta konvenuta Electrolite Company Limited. B'hekk il-konvenut personalment ghandhu jigi liberat mill-oservanza

tal-gudizzju. Barra minn hekk il-konvenuti jeccepixxu li huma qatt ma’ ikkagonaw hsara fil-cables tas-socjeta attrici f'San Pawl il-Bahar u li fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz in linea ta’ danni mis-socjeta attrici huwa ghal kollox esegerat;

Is-socjeta attrici pproduciet ufficjal taghha li kkonferma li l-hsarat in kwestjoni kienu konsegwenza li ntlaqat "cable" tat-telefon ta' elf u sitt mitt linji. Huwa kkonferma li l-"cable" intlaqat waqt li kien qed jitqieghed "earth electrode" fit-triq in kwestjoni. Mir-records tas-socjeta attrici jirrizulta li ma saret l-ebda talba sabiex ikun jista isir dan ix-xoghol. Minhabba f'hekk dan l-istess ufficjal tas-socjeta attrici ma setax jghid minn effettivament ghamel dan ix-xoghol jew minn ikkommissjonah;

Is-socjeta attrici ma ppruvatx b'mod sufficjenti li l-konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli ghal dawn il-hsarat. Ma saret ebda prova li tista twassal ghal konkluzjoni li x-xoghol in kwestjoni sar mill-konvenuti;

L-istess ufficjal prodott mis-socjeta attrici qal li mar fuq il-post in kwestjoni minnufih wara li gie infurmat bil-hsara u ma kien hemm hadd li deher li kien qed jghamel ix-xoghol in kwestjoni. Huwa kkonferma ukoll li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li hemmhekk kienet ghaddejja cable tat-telefon;

Da parti tieghu l-konvenut Raymond Casa ammetta li huwa qieghed "earth electrode" ghar-rigward ta' blokk ta’ appartamenti fit-triq in kwestjoni u dana fuq l-inkarigu tas-sid tal-istess appartamenti. Huwa qal li waqt li kien qed isir dan ix-xoghol huwa ma laqat l-ebda cable tat-telefon. Huwa qal ukoll li dan ix-xoghol ma sarx fit-triq izda mill-bieb il-gewwa tal-blokk in kwestjoni;

In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici ma jirrizultawx sufficjentement ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------